MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 1290/2003

Kawza fil-lista: 48

**A B**
**vs**
**Dottor Leslie Cuschieri u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici nominati kuraturi deputati b' digriet tat-18 ta' Dicembru 2003 biex jirrapprezentaw lill-assenti C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Billi l-attur izzewweg lill-konvenuta fit-30 ta' Lulju 1998 fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Billi l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Billi inoltre l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha.

Billi l-kontendenti ssimulaw il-kunsens taghhom ghal dan iz-zwieg.

Billi ghalhekk iz-zwieg ikkontrattat mill-kontendenti fit-30 ta' Lulju 1998 huwa null u bla ebda effett fil-ligi.

Tghid il-konvenuta ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti ghar-ragunijiet fuq premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkontrattat mill-kontendenti fit-30 ta' Lulju 1998 huwa null u bla ebda effett legali, u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li eccepew illi huma m' ghandhomx mezzi kif jikkomunikaw mal-persuna minnhom rapprezentata u ghalhekk mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu

kuntrattat mal-konvenuta fit-30 ta’ Lulju 1998 huwa null fil-ligi fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Illi mill-provi rrizulta li l-attur fiz-zmien li kien qed jaghmel kors ta’ Perit fl-Universita’ f’ Settembru 1996 kien iltaqa’ mal-konvenuta, mara ta’ nazzjonalita’ Norvegiza li f’ dak iz-zmien kienet tahdem f’ Malta bhala courier, u fit-30 ta’ Lulju 1998 zzewgu civilment bil-hsieb li jizzewgu bil-knisja aktar il-quddiem. Ir-raguni li zzewgu f’ dak iz-zmien kienet wahda purament finanzjarja fis-sens li, peress li l-attur kien ghadu kif jiggradwa u peress li l-konvenuta kienet qeda issibha difficli biex issib ix-xoghol, huma ddecidew li jizzewgu sabiex il-konvenuta jkollha il-freedom of movement u tkun f’ posizzjoni ahjar li tkun tista’ ssib job tajjeb f’ Malta. L-attur isostnu li meta zzewgu civilment huma ma kellhomx il-hsieb li jkollhom tfal u jifformaw familja, u ghal din ir-raguni l-partijiet ma kienux zzewgux bir-rit religjuz. L-idea tal-partijiet kienet li meta huma jkunu finanzjarjament stabbli huma jizzewgu bil-knisja u hemm jibdew jifformaw familja. Izda gara li l-konvenuta ma setghetx tidra Malta l-boghod mill-familja taghha, u f’ Awissu 2000 hija telqet Norway u ma regghetx irritornat lura. Hemmhekk hija ottjeniet id-divorzju minn mal-attur fil-25 ta’ Frar 2003. Minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal.

Mill-provi akkwiziti l-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata in bazi ghal dak li hemm kontemplat fil-paragrafu [f] tal-Artikolu precitat, fil-konfront taz-zewg konvenuti, u wkoll fit-termini tal-ewwel parti tal-paragrafu [d] fil-konfront tal-assenti. Ghalhekk it-talba attrici timmerita li tigi millqugha.

Ghal dawn il-motivi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effetti fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-30 ta’ Lulju 1998. L-ispejjez ikunu a kariku taz-zewg partijiet fi kwoti wgwali bejniethom, izda provvizorjament id-drittijiet tal-kuraturi deputati jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------